

32006R1980

L 368/96

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

23.12.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1980/2006

ta' l-20 ta' Diċembru 2006

li jistabbilixxi miżuri tranżitorji li jemendaw ir-Regolament (KE) Nru 2076/2002 u d-Deċiżjonijiet 2001/245/KEE, 2002/928/KE u 2006/797/KE fir-rigward ta' l-issoktar ta' l-użu ta' ċerti sustanzi attivi li mhumiex inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 42 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2002 ⁽¹⁾ u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/245/KEE ⁽²⁾, 2002/928/KEE ⁽³⁾ u 2006/797/KE ⁽⁴⁾ fihom dispożizzjonijiet għall-esklużjoni ta' ċerti sustanzi attivi mill-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE u għall-irtirar mill-Istati Membri ta' l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi attivi. Dawk l-atti jipprovdu għal derogi li jippermettu l-issoktar ta' l-użu ta' ftit minn dawk is-sustanzi għal perjodu limitat ta' żmien sakemm jiġu żviluppatti alternattivi oħrajn.
- (2) Il-Bulgarija applikat għal miżuri tranżitorji għal ċerti sustanzi attivi sabiex tiżgura li l-produzzjoni tkun tista' titwaqqaf gradwalment jew li dossier li jissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 91/414/KEE jkun jista' jiġi ppreżentat.
- (3) Ġiet ippreżentata u evalwata informazzjoni mill-Kummissjoni flimkien ma' esperti minn Stati Membri li wriet il-hteġġa għall-issoktar ta' l-użu tas-sustanzi kkonċernati. Għaldaqstant, huwa ġġustifikat li jkun permess, taħt kundizzjonijiet stretti mmirati lejn il-minimizzazzjoni ta' kwalunkwe riskju possibbli, perjodu itwal għall-irtirar ta' l-awtorizzazzjonijiet eżistenti għal użi essenzjali li għalihom għad m'hemmx alternattivi.
- (4) Ir-Regolament (KE) 2076/2002 u d-Deċiżjonijiet 2001/245/KEE, 2002/928/KEE u 2006/797/KEE għandhom għalhekk jiġu emendati skond dan.

- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2076/2002 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 2 jiżdied il-paragrafu 4 li jmiss:

"4. B'deroga mill-paragrafu 3, għall-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom is-sustanzi elenkati fil-kolonna A ta' l-Anness II, il-Bulgarija tista' iżomm fis-seħħ l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dawk is-sustanzi għall-użi elenkati fil-kolonna C sat-30 ta' Ġunju 2009 bil-kundizzjoni li:

- (a) l-issoktar ta' l-użu jkun aċċettat biss jekk ma jkollu ebda effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali u ebda influwenza inaċċettabbli fuq l-ambjent;
- (b) tali prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jibqgħu fis-suq jiġu ttikkettati mill-ġdid sabiex jaqblu mal-kundizzjonijiet ta' użu ristrett;
- (c) jiġu imposti l-miżuri kollha għat-trażżin tar-riskju sabiex jitnaqqas kull riskju possibbli;
- (d) ikunu qed jiġu studjati b'mod serju alternattivi għal tali użi.

(1) ĠU L 319, 23.11.2002, p. 3. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) No 1335/2005, (ĠU L 211, 13.8.2005, p. 6).

(2) ĠU L 88, 28.3.2001, p. 19.

(3) ĠU L 322, 27.11.2002, p. 53. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1335/2005.

(4) ĠU L 324, 23.11.2006, p. 8.

Il-Bulgarija għandha tinforma lill-Kummissjoni bil-miżuri li ttieħdu għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, u b'mod partikolari dwar l-azzjonijiet li ttieħdu skond il-punti (a) sa (d), sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru ta' kull sena."

(2) Fl-Artikolu 3 jiżdied il-punt (c) li ġej:

“(c) għall-użi li għalihom l-awtorizzazzjoni għandha tiġi rritrata sat-30 ta' Ġunju 2009, għandha tiskadi sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009.”

(3) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) L-intestatura tinbidel b'dan li ġej:

“Lista ta' awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(3) u 2(4)”.

(b) Fil-linja li tirreferi għal bensultap, taħt il-kolonna B tidaħħal il-kelma “Bulgarija” u taħt il-kolonna C jiżdiedu l-kliem “Ġirasol, xitla tal-pitravi, patata u, alfalfa”.

(c) Fil-linja li tirreferi għal prometryne, taħt il-kolonna B tidaħħal il-kelma “Bulgarija” u taħt il-kolonna C jiżdiedu l-kliem “Ġirasol, qoton u Umbelliferae”.

(d) fil-linja li tirreferi għal terbufos, taħt il-kolonna B tiddaħħal il-kelma “Bulgarija” u taħt il-kolonna C jiżdiedu l-kliem “Ristrett għal utenti professjonali bit-tagħmir protettiv xieraq, Trattament tal-ħamrija tal-patata, tabakk, qoton u pitravi.”

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 2001/245/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) l-awtorizzazzjonijiet ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom iż-zineb jiġu rritrati fi żmien sitt xhur mid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni;

(b) mid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, ma għandha tingħata jew tiġġedded ebda awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom iż-zineb skond id-deroga pprovduta fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, għall-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom iż-zineb, il-Bulgarija tista' żżomm fis-seħħ l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dik is-sustanza għall-użu f'uċuħ ta' l-ortokultura, dwieli, tabakk, tuffieħ u frott ta' l-għadma, bil-kundizzjoni li:

(a) l-issuktar ta' l-użu jkun aċċettat biss jekk ma jkollu ebda effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali u ebda influwenza inaċċettabbli fuq l-ambjent;

(b) tali prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jibqgħu fis-suq jiġu ttikkettati mill-ġdid sabiex jaqblu mal-kundizzjonijiet ta' użu ristrett;

(c) jiġu imposti l-miżuri kollha għat-trażżin tar-riskju sabiex jitnaqqas kull riskju possibbli;

(d) ikunu qed jiġu studjati b'mod serju alternattivi għal tali użi.

Il-Bulgarija għandha tinforma lill-Kummissjoni bil-miżuri li ttieħdu għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, u b'mod partikolari dwar l-azzjonijiet li ttieħdu skond il-punti (a) sa (d), sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru ta' kull sena.”

(2) Fl-Artikolu 3 jiżdied paragrafu ieħor:

“B'deroga mill-ewwel paragrafu, kwalunkwe konċessjoni ta' żmien mogħtija lill-Bulgarija, skond l-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 91/414/KEE, għall-użi msemmija fl-Artikolu 2(2), għandha tkun qasira kemm jista' jkun u għandha tiskadi mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009.”

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni 2002/928/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2 jiżdied il-punt (d) li ġej:

“(d) għall-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom is-sustanzi elenkati fil-kolonna A ta' l-Anness, il-Bulgarija tista' żżomm fis-seħħ l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dawk is-sustanzi għall-użi elenkati fil-kolonna C sat-30 ta' Ġunju 2009 bil-kundizzjoni li:

(i) l-issuktar ta' l-użu jkun aċċettat biss jekk ma jkollu ebda effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali u ebda influwenza inaċċettabbli fuq l-ambjent;

(ii) tali prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jibqgħu fis-suq jiġu ttikkettati mill-ġdid sabiex jaqblu mal-kundizzjonijiet ta' użu ristrett;

(iii) jiġu imposti l-miżuri kollha għat-trażżin tar-riskju sabiex jitnaqqas kull riskju possibbli;

(iv) ikunu qed jiġu studjati b'mod serju alternattivi għal tali użi.

Il-Bulgarija għandha tinforma lill-Kummissjoni bil-miżuri li ttieħdu għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, u b'mod partikolari dwar l-azzjonijiet li ttieħdu skond il-punti (a) sa (d), sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru ta' kull sena."

(2) Fl-Artikolu 3 jiżdied il-punt c) li ġej:

"(c) għall-użi li għalihom l-awtorizzazzjoni għandha tiġi ritirata sat-30 ta' Ġunju 2009, għandha tiskadi sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009."

(3) Fl-Anness, fil-linja li tirreferi għal benomyl, taħt il-kolonna B tiddaħħal il-kelma "Bulgarija" u taħt il-kolonna C jiżdiedu l-kliem "Ristrett għal utenti professjonali bit-tagħmir protettiv xieraq. Dwieli, ħawħ, tadam u tabakk".

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni 2006/797/KE hi emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. B'deroga mill-ewwel paragrafu, u mill-Artikolu 2, il-Bulgarija tista' żżomm fis-seħħ l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom is-sodium tetrathiocarbonate għall-użi elenkati fil-kolonna C sat-30 ta' Ġunju 2009 bil-kundizzjoni li:

- (a) l-issuktar ta' l-użu jkun aċċettat biss jekk ma jkollu ebda effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali u ebda influwenza inaċċettabbli fuq l-ambjent;
- (b) tali prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jibqgħu fis-suq jiġu ttikkettati mill-ġdid sabiex jaqblu mal-kundizzjonijiet ta' użu ristrett;

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Diċembru 2006.

(c) jiġu imposti l-miżuri kollha għat-trażżin tar-riskju sabiex jitnaqqas kull riskju possibbli;

(d) ikunu qed jiġu studjati b'mod serju alternattivi għal tali użi.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni bil-miżuri li ttieħdu għall-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2, u b'mod partikolari dwar l-azzjonijiet li ttieħdu skond il-punti (a) sa (d) ta' kull paragrafu, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru ta' kull sena."

(2) Fl-Artikolu 4, it-tielet paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Fejn l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu ritirati skond l-Artikolu 3(1) sa mhux iktar tard mill-31 ta' Mejju 2010, il-perjodu għandu jiskadi sa mhux iktar tard mit-30 ta' Novembru 2010.

Fejn l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu ritirati skond l-Artikolu 3(3) sa mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju ta' l-2009, il-perjodu għandu jiskadi sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009."

(3) Fl-Anness tad-Deċiżjoni 2006/797/KE, it-titolu ta' l-Anness jinbidel bil-kliem "Lista ta' awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(1) u 3(2)". Fil-linja li tirreferi għal Sodium tetrathiocarbonate, taħt il-kolonna B tiddaħħal il-kelma "Bulgarija" u taħt il-kolonna C jiżdiedu l-kliem "Diżinfezzjoni tal-ħamrija fl-ortikultura u d-dwieli".

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ soġġett għal u fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni